MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Numru. 94/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Sara Buttigieg**

Kumpilazzjoni Numru: 94/2012

Illum 20 ta’ Frar 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ **Sara Buttigieg**, ta’ tnejn u tletin (32) sena, bint Publius u Natalina neé Galea, imwielda Rabat, Ghawdex, nhar il-25 ta’ Lulju 1980 u residenti ‘Cuore di Gesu’, Triq ta’ Cordina, Ghajnsielem, u detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-Numru

18680(G), akkuzata talli fit-8 ta’ Gunju 2012, f’xi hin bejn 9.30pm u 10.00pm waqt li kienet qieghda fuq vapur M.V. Malita, bejn Malta u Ghawdex u/jew fil-vicinanzi:

1. ikkommettiet serq ta’ flus kontanti, li l-valur huwa ta’ mitejn Euro (€ 200.00), liema serq hu kwalifikat bil-hin u bil-persuna u dan ghad-dannu ta’ Iain Tabone;
2. u aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, u xjentement, b’kull mod, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat id-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens (Dok. “C”) tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li t-tieni (2) imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il–fedina penali tal-imputata (li hija wahda kwazi nadifa), in-natura tar-reati addebitati lill-imputata, l-ammissjoni bikrija taghha f’dawn il-proceduri u, kif ukoll, id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li l-flus li jsiru riferenza ghalihom fl-ewwel (1) imputazzjoni jinsabu fil-pussess tal-istess Pulizija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, in segwitu tad-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li t-tieni (2) imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni, wara li rat Artikoli 261(d), 261(f), 268(d) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra taghha u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fil-fehma tal-Qorti, jissusistu cirkostanzi ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------